DIPARTIMENT TAL-INFORMAZZJONI
*DEPARTMENT OF INFORMATION*
MALTA

# Press Release

**PR 140159** **31.01. 2014**

**L-AMBAXXATUR TAL-EMIRATI GĦARAB MAGĦQUDA GĦAL MALTA JAGĦMEL ŻJARA TA' KORTESIJA LILL-ISPEAKER**

Dalgħodu, l-Ispeaker tal-Kamra tad-Deputati, l-Onor. Anġlu Farrugia, kellu żjara ta' kortesija mill-Ambaxxatur tal-Emirati Għarab Magħquda għal Malta, l-E.T. is-Sur Saeed Alkaabi.

Iż-żewġ naħat iddiskutew diversi suġġetti ta' interess komuni, fosthom is-sapport ta' Malta għat-talba tal-Emirati Għarab Magħquda biex din tkun parti mil-lista pożittiva tas-Schengen kif ukoll l-istituti edukattivi u ta' Malta.

Matul il-laqgħa, issemmiet is-sitwazzjoni fil-pajjiżi ta' l-Afrika ta' fuq, partikularment il-Libja u ż-żewġ naħat awguraw li l-paċi u l-istabbiltà jirrenjaw f'dawn il-pajjiżi.

**Attachments: photos** **Page: 1 of 1**

3, CASTILLE PLACE, VALLETTA VLT 2000 Tel +(356) 2200 1700 Fax +(356) 2200 1775
press.releases@gov.mt www.doi.gov.mt